Hassan El Ouazzani

# Fuq il-gallarija tal-ħajja

Mela erħi waħdu quddiemna
il-mirkeb tal-mewt.

Mhu biħsiebni ningħaqad qatt ma' Jalil Hawi,
għax fuq il-mejda, hawn tazza
li m'jien se nixrobha qatt,
madwarha l-ħbieb,
id-diskursati sa qiegħ il-lejl,
stejjer ta' ħbiberija kbira -
warajja l-baħħ,
quddiemi l-għodwiet twal,
fuq spallejja, ir-riħ.

M'iniex se norbot jiemi mal-passi ta' Van Gogh,
għax neħtieġ siegħa biex ngħum fis-Sena,
ġurnata biex nitla' Għoljet ix-Xejk,
sena biex nittawwal fuq Bejrut,
sentejn biex naqsam it-torri taċ-Ċina.

U neħtieġ għomri kollu,
għomri kollu kemm hu,
biex l-affarijiet kollha jgħaddu minn taħt idejja -
il-lejl bi dlamijietu,
ix-xemx bil-ħruxija tagħha,
il-mewġ bil-għaxwa tiegħu,
l-art wiesgħa beraħ,
is-swidija tas-sħab,
in-nomadiżmu tad-deżert,
ix-xmara kollha diqa.

Imissha tagħdirni ftit,
tgħattini ftit b'ilmijietha.

Il-ħajja.

Il-ħajja. Se norbotha ma' kull pass tiegħi,
hekk, eżatt kif il-mewt trabbat magħha żgħożiti.

**Antoine Cassar**
Awwissu 2008

ara wkoll
http://morocco.poetryinternationalweb.org/piw_cms/cms/cms_module/index.php?obj_id=12354&x=1